TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 41/15-F

Gino Spiteri
Vs
Solar Engineering Ltd.

Illum, 29 ta' Jannar, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-20 ta' Frar, 2015, fejn ir-rikorrenti talab danni ta'€490 rappreżentati nuqqas ta' units li ma ġewx ġenerati mill-panelli solari li ġew nstallati.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema x-xhieda tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti xtara panelli solari mingħand id-ditta ntimata u ġie miftiehem li kellhom jiġġeneraw 7000 kilowatt kull sena. Ir-rikorrenti ħallas il-fuq minn €7400. Jirriżulta li waqt l-użu ta' dawn il-panelli l-konsum kien ta' 5300 minflok is-7000 li kien ġie miftiehem. Dan minħabba diversi raġunijiet fosthom problemi fil-panelli u xi panelli li ma kienux qegħdin jaħdmu.

L-intimat issottometta li ried jagħmel prova ta' dawn il-panelli solari sabiex jara kemm effettiviment qed jintuzaw units.

**It- Tribunal jinnota illi:**

Is-sistema sabiex jiġi nstallat kompjuter biex jagħmel dan it-test kienet wisq kumplikata u ordna lis-soċjeta' intimata tagħmel xi ħaġa iktar sempliċi. Kienet kumplikata fis-sens li kien hemm ħafna wires għaddejjin mall-binja kollha. Illi minkejja diversi opportunitjiet li t-Tribunal offra lis-soċjeta' ntimata dan ma seħx.

It-Tribunal jinnota li huwa minnu u qiegħed jemmen il-verżjoni tar-rikorrenti li kien hemm nuqqas ta' użu ta' units minħabba d-diversi mankanzi li kien hemm fis-sistema tal-panelli.

It-Tribunal jinnota li s-socjeta' ntimata għamlet minn kollox biex tipprova ssewwi dawn il-panelli pero' xorta jibqa' l-fatt li kien hemm diversi nuqqasijiet.

It-Tribunal għalhekk jikkonkludi illi sakemm dawn ġew irranġati r-rikorrenti sofra nuqqas ta' użu u għalhekk il-konsum ta'kilowatts kien inqas.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qiegħed jiddeċiedi billi jordna s-soċjeta' ntimata tħallas is-somma ta' erba' mitt Ewro (€400) bl-ispejjes kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**